***Is-snin ħamsin kont nattendi l-mużew ta' Ħal Tarxien. Tul ix-xhur tas-sajf, kull nhar ta' Ħadd, kienu jeħduna ngħumu Marsaxlokk. Aħna u sejrin lura lejn ir-raħal konna nkantaw  xi innu reliġjuż jew xi għanja oħra. Niftakar li konna nkantaw għanja li kien għallimhielna Kelinu Cachia. Ma nafx jekk kitibhiex hu billi kien jikteb il-poeżiji, jew kienx tgħallimha mingħand xi ħadd. Emmanuel Scicluna***

Fiż-Żurrieq, fiż-Żurrieq kont imrobbija,
Qalb il-ħxejjex, qalb il-ħxejjex frottijiet,
Dejjem nafni, dejjem nafni qalb ir-raba',
Qalb l-irħula, qatt ma naf li dħalt fl-ibliet.

Hekk illum, hekk illum ma nafx x'fettilli,
Maż-żerniq, maż-żerniq armajt il-ħmar,
Imlejt bixkilla, bixkilla bit-tin abjad,
Bil-geżwira u filgħodu tlaqt is-suq.

Soqt il-ħmar u bdejt ingħajjat
Żewġ għajtiet wara xulxin
Ħarra, ħarra suq u mexxi
Hawn tat-tin, hawn tat-tin.

Kont għaddejja, kont għaddejja Strada Rjali,
Ma nafx  kif, ma nafx kif żelaqli l-ħmar,
In-nies timbotta, nies timbotta, pulizija,
Pulizija u kulħadd jgħaffiġli t-tin.

Soqt il-ħmar u bdejt ingħajjat
Żewġ għajtiet wara xulxin,
Ħarra, ħarra suq u mexxi
Hawn tat-tin, hawn tat-tin.